**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2011**

---

| **Ir-Raba' Sena** | **Malti Kitba** | **Ħin: Siegħa u Kwart** |
|---|---|---|

---

**Isem:** ____________________________________________ **Klassi:** __________

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



*A. Aqra sew din is-silta.*

**Sibna Teżor**



Fil-vaganzi tal-Milied jien u oħti ddeċidejna li mmorru nqattgħu ftit ġranet għand il-bużnanna. Wara nofsinhar, meta l-bużnanna kienet rieqda ġietna l-kurżita' li nidħlu f'kamra li kienet tkun dejjem magħluqa. Malli dħalna, gwardarobba kbira u sabiħa ġibditilna l-attenzjoni. *(par.1)*

Ġo fiha sibna ittra, tant qadima, li bilkemm stajna naqrawha. Fl-ittra qrajna li moħbi fil-ġnien tal-bużnanna kien hemm teżor. Dak il-ħin smajna lill-bużnanna tgħajjat, "Morru ixtruli mingħand tal-merċa." Morna nixtru malajr mingħajr ma għedna lil ħadd bl-ittra li sibna. Filgħaxija qgħadna naħsbu fi skuża li stajna nsibu biex l-għada nqattgħu xi ftit ħin fil-ġnien. *(par.2)*

Filgħodu, wara li ħadna l-kolazzjon, lin-nanna għednielha li konna lesti biex innaddfulha l-ġnien mill-ħaxix ħażin li kien fih. Il-bużnanna ħadet gost bl-ideja tagħna għax tatna xi pakketti biż-żerriegħa tal-fjuri biex niżirgħuhom. *(par.3)*

Kont qed nħaffer ħofra, meta f'daqqa waħda sibt xi ħaġa iebsa taħt il-ħamrija "Tania!" għajjatt, "Ma nistax ninżel aktar! Tgħid dan huwa t-teżor?" *(par.4)*



Meta neħħejna l-ħamrija sibna kaxxa sewda faħma, maħmuġa u magħluqa b'katnazz imsaddad. Ippruvajna niftħuha imma kien għalxejn. Ġibna ftit għodda mill-garaxx u sa fl-aħħar infetħet, u bis-saħħa waqajna fl-art! Fil-kaxxa kien hemm flus, deheb, u fidda. *(par.5)*

"Bużż!, Bużż! Ejja ara x'sibna!" bdejna ngħajtu. Meta rat il-kaxxa mimlija il-bużnanna baqgħet skantata. Kienet ħbiethom ommha fil-ġnien qabel ma faqqgħet il-gwerra u qatt ma kienu nstabu! *(par.6)*

**1. Agħmel sing taħt it-tajba.** (4 marki)

a) Din l-istorja ġrat waqt il-vaganzi tal-(Milied, Għid, Karnival).

b) It-tfal qattgħu ftit ġranet għand (in-nanna, il-biżnanna, iz-zija t'ommhom).

ċ) Fil-kamra kien hemm gwardarobba (żgħira, sabiħa, antika).

d) It-tfal qagħdu jaħsbu fi skuża (filgħodu, wara nofsinhar, filgħaxija).

**2. Immarka Veru, Falz jew Ma Nafx:** (2 marki)

| | | Veru | Ma Nafx | Falz |
|---|---|---|---|---|
| Eż | It-tfal kienu aħwa. | ✓ | | |
| a | Il-gwardarobba kienet kannella. | | | |
| b | It-tfal kienu eċċitati biex ifittxu għat-teżor. | | | |
| ċ | It-tfal marru jixtru mingħand tal-laħam. | | | |
| d | Waqt il-kolazzjon it-tfal kielu ċ-ċerejali. | | | |

**3. Issa aqra, ifhem u wieġeb *b'sentenzi sħaħ*. Tagħmilx żbalji fil-kitba.**

a) X'sabu t-tfal fil-gwardarobba? *(par 2)* (marka)

__________________________________________________________

b) Xi skuża ġabu t-tfal biex ikunu jistgħu jgħaddu ftit ħin fil-ġnien? (*par.3*) (2 marki)

__________________________________________________________

__________________________________________________________

ċ) X'tagħthom il-biżnanna meta t-tfal qalulha bl-ideja? (*par.3*) (2 marki)

__________________________________________________________

__________________________________________________________

d) X'ġara hekk kif l-awtur kien qed iħaffer? *(par4)* (2 marki)

__________________________________________________________

__________________________________________________________

e) Kif irnexxielhom jiftħu l-kaxxa li sabu? *(par.5)* (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

f) Għaliex il-bużnanna baqgħet skantata? *(par 6)* (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**4. Mill-istorja sib kelma jew frażi li tfisser:** (3marki)

a. interessatna *(par. 1)* ________________________________

b. antika *(par. 2)* ________________________________

ċ. sewda ħafna *(par.5)* ________________________________

**B. Aqta sing taħt in-Nomi. Ħares lejn l-eżempju.** (10 marki)

Kien is-**Sibt** meta Pietru u Anna marru għand in-nanna. Waqt li kienu għandha qagħdu jaraw it-televixin u jilagħbu bil-ballun. Huma raw programm dwar l-annimali u l-pjanti. Wara qraw ktieb interessanti dwar in-natura.



**Ċ. Kompli dawn is-sentenzi. Ħares lejn l-eżempju.** (5 marki)

**Eżempju:** Xtrajt bukkett **fjuri** għal quddiem il-Madonna.

1. Qata' għanqud ________________ mid-dielja.

2. Ħareġ serbut ________________ mit-toqba.

3. Il-kennies ġabar munzell ________________.

4. Daħlet flotta ________________ fil-port.

5. Ħija nefaq kemxa ________________ fis-safar.



**D. Ikteb il-plural tal-kliem fil-parentesi. Ħares lejn l-eżempju.** (10 marki)



1. Il- **(kelb)** **klieb** **u** l-**(qattus)** _______________huma żewġ annimali ħbieb tal-**(bniedem)** _______________.
2. Il- **(ħmar)** _______________raqdu fl-**(stalla)** _______________.
3. Id- **(dentist)** _______________ **(daħal)** _______________ ġewwa.
4. Tħassru s- **(sinna)** _______________ u d-**(darsa)** _______________ kollha.
5. Daħħal il- **(ktieb)** _______________ u l-**(lapes)** _______________ ġol-basket.

**E. Oħroġ il-verb mill-għerq.** (5 marki)

1. Ir-raġel __________ **(r-b-ħ)** somma flus.
2. Huma __________ **(f-r-ħ)** lkoll flimkien.
3. Ilbieraħ Toni __________ **(ħ-r-ġ)** dawra bil-kelb.
4. Marija u Ġanni __________ **(għ-l-q)** l-ħanut kmieni.
5. Il-ħallelin ___________ **(ħ-r-b)** jiġru bil-karozza.



**F. Ikteb il-kontra tal-kliem miktub skur.** (10 marki)

1. Ir-raġel **twil** _______________sab ktieb **ġdid** _______________.
2. L-ikel kien **sħun** _______________ imma **ħażin** _______________ tassew.
3. Il-kelb **iswed** _______________ kien **feroċi** _______________ .
4. It-tifel kien **kattiv** _______________ u tani **ftit** _______________ għajnuna.
5. Il-kaxxa kienet **ħafifa** _______________ u ġarrha raġel **irqiq** _______________.



**Ġ. Imla l-vojt b'aġġettiv xieraq.** (5 marki)

Kienet ġurnata___________meta Pawlu ddeċieda li jmur jistad. Libes kappell_____________, ħa l-qasba u telaq jistad. Kif wasal poġġa bilqiegħda fuq blata_____________u beda jistad. Malli tefa' s-sunnara qabad ħuta__________u__________. Kemm feraħ Pawlu.



**H. <u>Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn GĦAXAR SENTENZI fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti .</u> (20 marka)**

1. **Meta tlift il-kelb!**

   X'jismu? Fejn kont? Iddeskrivi l-kelb. Kif ħarablek. X'ġara wara?



2. **Rajt inċident tat-traffiku.**

   Fejn kont? Meta? X'rajt? X'ġara? Weġġgħu xi nies?



3. **Nhar ta' Sibt għand in-nanna**

   Xi tmur tagħmel? Għaliex tħobb tmur għandha?

   Tgħinha lin-nanna?



4. **L-Isbaħ storja li qrajt**

   Fuq xiex titkellem l-istorja? Għaliex togħġbok ħafna?



Titlu: ______________________________

TMIEM IL-KARTA